

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-Repubblika tal-Polonja kienet marbuta tinnonima żoni ta' protezzjoni speċjali għall-għasafar fi żmien l-adeżjoni tagħha ma' l-Unjoni Ewropea.

F'Diċembru ta' l-2004, inventarju ornitoloġiku intiż għall-konservazzjoni ta' l-għasafar b'rilevanza Ewropea ġie ppubblikat fil-Polonja (IBA 2004); din il-lista rrikonossiet 140 żona essenzjali għall-protezzjoni ta' l-għasafar fuq il-bażi ta' kriterji ornitoloġiċi.

15-il żona fost dawk inklużi fil-lista IBA 2004 ma ġewx ikklassifikati mir-Repubblika tal-Polonja bħala ŻPS u l-awtoritajiet Pollakki ma ppreżentaw l-ebda analiżi xjentifika li tiġġustifika dan in-nuqqas ta' klassifikazzjoni.

Barra minn hekk, l-erja ta' 8 ŻPS hija iżgħar minn dik li tidher fil-lista IBA 2004; konsegwentement, barra l-limiti ta' dawn iż-ŻPS, jinsabu territorji li, skond l-IBA 2004, huma l-iktar adattati biex jiġu kklassifikati bħala ŻPS.

Fl-aħħar, f'Settembru ta' l-2007, l-awtoritajiet Pollakki, mingħajr ma nnotifikaw lill-Kummissjoni, naqqsu l-erja ta' 5 żoni nnominati bħala ŻPS, ħaġa li għandha impatt kbir fuq il-protezzjoni ta' l-għasafar.

(¹) ĠU L 103, p. 1.

Rikors imressaq fil-11 ta' Diċembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs L-Irlanda

(Kawża C-554/07)

(2008/C 51/59)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: R. Lyal u M. Afonso, aġenti)

Konvenuta: L-Irlanda

Talbiet

— tiddikjara li billi naqset milli tittrasponi korrettament fil-leġiżlazzjoni Irlandiża l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2006/112 (inkluż l-Anness 1 għad-Direttiva) u konsegwentement, billi eskcludiet mill-portata tat-taxxa l-attivitajiet ekonomiċi kollha, ħlief għal ċerti eċċezzjonijiet, li jitwettqu mill-Istat, minn awtoritajiet lokali u minn korpi oħra rregolati mid-dritt pubbliku, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-

Artikoli 2, 9 u 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (¹);

— tikkundanna lill-Irlanda tbat i-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Fl-Irlanda, l-Istat u l-awtoritajiet lokali huma meqjusa bħala persuni taxxabli fil-każ biss li tinħareġ ordni speċifika għal dan il-għan mill-Ministru tal-Finanzi. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, din is-sitwazzjoni tmur kontra l-iskema stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-VAT fir-rigward ta' ħafna aspetti. L-ewwel nett, ma ssir l-ebda dispożizzjoni għall-intaxxar tal-korpi pubbliċi meta ma jaġixx fil-kapaċità tagħhom ta' awtoritajiet pubbliċi. It-tieni nett, ma ssir l-ebda dispożizzjoni ġenerali għall-intaxxar ta' l-awtoritajiet pubbliċi meta jaġixxu fil-kapaċità tagħhom ta' awtoritajiet pubbliċi iżda jwettqu attività ekonomika li n-nuqqas ta' intaxxar tagħha jirriżulta f'distorsjoni sinjifikanti tal-kompetizzjoni. L-intaxxar ta' korpi pubbliċi huwa kompletament fid-diskrezzjoni tal-Ministru tal-Finanzi; l-ebda kriterju għad-deċiżjoni tiegħu ma jinsab fid-dispożizzjonijiet rilevanti. It-tielet nett, ma ssir l-ebda dispożizzjoni għall-intaxxar ta' l-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva tal-VAT.

(¹) ĠU L 347, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Justice (Queen's Bench Division) Administrative Court (Ir-Renju Unit) fis-17 ta' Diċembru 2007 — The Queen on the application of S.P.C.M. SA, C.H. Erbslöh KG, Lake Chemicals and Minerals Limited, Hercules Incorporated vs Secretary of State for Environment, Food and Rural Affairs

(Kawża C-558/07)

(2008/C 51/60)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Qorti tar-rinvju

High Court of Justice (Queen's Bench Division) Administrative Court

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: S.P.C.M. SA, C.H. Erbslöh KG, Lake Chemicals and Minerals Limited, Hercules Incorporated

Konvenut: Secretary of State for Environment, Food and Rural Affairs